**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kump. Numru: 304/2019 RM**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**-Vs-**

**PATRICK CASSAR**

**Illum, 25 ta' Ottubru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **PATRICK CASSAR** ta' 39 sena, iben missier mhux maghruf u Mary Cassar, imwieled il-Pieta, fis-7 ta' Awwissu, 1979 u joqghod fil-fond bl-isem 'Lucca Court', Flat 15, Triq Carmelo De Lucca, Qawra, detentur tal-karta tal-identita numru 499279M, akkuzat:-

Illi nhar is-16 ta' Mejju 2019 ghal habta tal-11:45 ta' filghaxija min gewwa residenza nru 73 'Sardinella' Triq Andrew Cunningham f'San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' gojjelli, liema serq huwa aggravat bil- mezz, valur, lok u bil-ħin ;

Illi fl-istess data lok u hin imsemmija qabel ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara ma tiskorrix l-valur ta' €250 ghad-dannu ta' Simon Galea ;

Illi nhar is- 26 ta' Marzu 2019 ghal habta tal- 0:15 ta' filghodu, min gewwa Blk K Apt 1 sitwat fi Triq it-Tamar San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li jikkometti d-delitt ta' serq aggravat bil-mezz u hin wera dan bi hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt u li tali delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta tieghu ;

Illi fid-dati, cirkustanzi u postijiet imsemmija qabel, ikkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' probation u dan ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u li kien gie deciz nhar is-26 ta' Marzu 2018 minn Qorti tal-Magistrati (Malta).

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil-Patrick Cassar bhala recidiv, b'sentenzi li huma defenittivi u ma jistghux jigu mhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll biex f'kaz ta' htija tordna lil-akkuzat ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali[1] ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat ir-rapport ippreżentat mill-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler (Dok. MFS) fis-26 ta' Mejju 2021;

[1] Fol. 7.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputat fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jigi mixli b'serq aggravat kif ukoll li volontarjament ħassar ħwejjeġ ħaddieħor fis-16 ta' Mejju 2019, u b'attentat ta' serq aggravat li twettaq fis-26 ta' Marzu 2019 entrambi ġewwa San Pawl il-Baħar: dan kollu waqt li kien taħt Ordni ta' Probation impost b'deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fis-26 ta' Marzu 2018. Ġie mixli wkoll li huwa reċidiv.

Il-Qorti tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat tar-reati li ġie mixli bihom fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull serqa jew ħsara addebitata lill-imputat, bejn l-istess imputat u dik is-serqa jew ħsara: ness li jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dik is-serqa jew ħsara. Ċertezza li għandha tkun radikata fi stħarriġ sħiħ, imparzjali u diliġenti tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli, ordinarji u esperti, diretti u indiretti jew indizzjarji li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Din iċ-ċertezza motali tikkostitwixxi l-ogħla grad probatorju li jeżisti fis-sistema ġuridiku tagħna għaliex il-livell probatorju li jrid jintlaħaq, huwa wieħed li jinstawra konvinċiment dwar il-ħtija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

**L-Ewwel u t-Tieni Imputazzjonijiet**

**PS 343 Glenn Carabott** xehed[2] illi fis-16 ta' Mejju 2019 għall-ħabta ta’ nofsilejl nieqes għoxrin meta kien xogħol meta daħlet telefonata minn persuna b’rapport li fi Triq Andrew Cunningham ġewwa San Pawl il-Bahar li tigi faċċata tas-Soleda Hotel kien hemm ragel liebes kollu iswed u kien qiegħed idur madwar residenza u li kien tefa’ xi kaxxa vicin ġo għalqa li tinsab faċċata ta' din ir-residenza. Kif wasal fuq il-post, daħlet iktar informazzjoni anonima li l-persuna kienet daħlet gewwa l-proprjeta’ u sussegwentement kienet qabżet fil-ġnien ta’ wara. Ix-xhud spjega illi din ir-residenza kienet kantuniera u huma marru quddiem l-entratura li tigi fil-ġenb u ra persuna liebsa l-iswed li kienet appena qasmet it-triq fuq il-bankina u hu għajtilha. Huwa għaraf lil din il-persuna bħala Patrick Cassar li kien diga’ jafu u identifikah bħala l-imputat odjern. Huwa ġie arrestat dak il-ħin u ngħata d-drittijiet legali tiegħu u minn tfittxija li saret fuq il-persuna tiegħu, instabu għaxar kaxxi ta' ġojjellerija (ħamsa vojta u l-ħamsa l-oħra kontenenti oġġetti tad-deheb), *torch* sewda u sett ċwievet fil-but tat-tracksuit[3].

Mill-investigazzjonijiet li għamel ix-xhud, irriżulta li l-fond in kwistjoni kienet proprjeta’ ta’ Simon Galea. Hu kompla jispjega illi kif daħal fil-post flimkien mas-sid u raw li kien hemm xi taqlib. Simon Galea ikkonferma dak il-ħin ma’ martu, Selies Gerlie Galea, illi l-kaxxi li nstabu fuq il-persuna tal-imputat kienu jappartjenu lilha u kienu fil-fond. Minn investigazzjonijiet ulterjuri li saru fil-fond in kwistjoni, instab illi n-*net* tal-aluminium tat-terrazzin li jagħti fuq il-ġnien ta’ wara, kienet maqlugħa u l-bieb miftuħ u kien hemm xi impronti ta’ palma ta’ id fuqu. Imbagħad, minn tfittxijiet li saru, instabet ukoll ingwanta safra maqluba fuq il-bankina faċċata tad-dar ġewwa Triq Andew Cunningham, fejn ġie arrestat l-imputat, liema ingwanta kienet tidher li qiesu kien għadha kif tinteża’. Ix-xhud kompla jispjega li meta huwa qabeż ir-reċintura tal-għalqa, sab ingwanta pariġġ l-oħra u dawn ġew mgħoddija lill-uffiċjali

[2] Fol. 28 – 33.
[3] Esebiti ġewwa envelope Dok. GC1.

tal-forensika li ġew fuq il-post[4]. Ix-xhud qal ukoll li huwa ra filmati elevati minn Soreda Hotel li tiġi faċċata tad-dar fejn seħħet is-serqa, u f'dawn il-filmati jidher l-imputat jaqsam it-triq u jimxi fuq il-bankina quddiem l-istess lukanda, fejn għamel ħin mhux ħazin tiela' u nieżel mit-triq.

**PC 312 Joseph Sultana**, li akkompanja lil PS 343 Glenn Carabott fis-16 ta' Mejju 2019 għall-ħabta ta' nofs il-lejl neqsin għoxrin ġewwa Triq Andrew Cunningham, Qawra, xehed[5] illi huwa ra persuna liebes l-iswed u *hoodie* ġo rasu miexi fid-direzzjoni opposta. Meta waqqfuh u għamlulu tfittxija fuq il-persuna tiegħu, sabulu fil-bwiet għaxar kaxxi tal-ġojjellerija, erba' ċwievet u *torch* u arrestawh. Ikkonferma li dak il-ħin instab ukoll ingwanta maqluba bil-kontra kulur isfar fuq il-bankina u ingwanta oħra pariġġ fl-għalqa ta' faċċata tar-residenza. Ra wkoll id-disinn ta' dawn l-ingwanti immarkata mal-bieb tal-aluminium ġewwa l-istess residenza, liema bieb kien maqlugħ.

**Mix-xhieda ta' Simon Galea**, jirrizulta illi l-fond fejn saret is-serqa fis-16 ta' Mejju 2019 jinsab ġewwa 73, Flat 1, Sardinella, Triq Andrew Cunningham, San Pawl il-Baħar u din kienet ir-residenza tiegħu sa ftit taż-żmien qabel, iżda fiż-żmien tas-serqa il-fond kien vojt għaliex huu martu kienu neħħew ħwejjiġhom wara li l-post kien inbiegħ. Simon Galea qal illi kif ġie infurmat mill-Pulizija dwar is-serqa, huwa mar fuq il-post u sab il-bieb tal-gallarija miftuħ u kien hemm taqlib tal-kxaxen fil-kamra tas-sodda fejn kienu jorqdu, iżda sostna illi huma ma kienux ħallew deheb warajhom fil-fond, iżda biss kaxxi vojta.

**Gerlie Galea** fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti, ikkonfermat illi l-kaxxi tal-ġojjellerija li hija ħalliet madwar xaharejn qabel is-serqa ġewwa l-kxaxen fil-kamra tas-sodda tal-fond fejn kienu joqogħdu qabel fi Triq Andrew Cunningham, Qawra kienu vojta. Madanakollu, meta ġiet murija quddiem il-Qorti l-kaxxi tal-ġojjellerija esebiti fl-atti (Dok. GC1), hija għarfet mhux biss il-kaxxi iżda wkoll il-kontenut

---

[4] Dawn l-ingwanti jinsabu esebiti materjalment fl-atti bħala parti mir-rapport forensiku (Dok. RM1) tal-Pulizija tax-xena tad-delitt – fol. 130.

[5] Xhieda tad-9 ta' Lulju 2019.

tagħhom bħala aċċessorji antiki li kienu ngħatawlha bħala rigal u li ma baqgħetx tużahom.

**L-imputat Patrick Cassar** xehed quddiem il-Qorti[6] u spjega illi huwa joqgħod kantuniera ‘l bogħod mis-Soreda Hotel u jaf li darba minnhom, huwa ma setax jorqod u ħareġ jagħmel żewġ passi għall-ħabta tal-11.30 p.m.  Qal illi għadda quddiem din il-lukanda u kif wasal fin-nofs tan-niżla, fl-art ra żewġ kaxxi kannella li jinżamm id-deheb fihom u borża tal-palstik trasparenti.  Hu ġabarhom u poġġihom fil-but u reġa lura lejn id-dar.  Skont l-imputat, huwa ma fetaħhomx u ma rax x’kien fihom iżda l-kaxxi kienu jidhru fil-borża tal-plastik.  Huwa xehed illi kif wasal quddiem il-lukanda ra s-surġent Glenn li waqqfu u sab fuqu l-kaxxi u l-borża.  Ikkonferma li s-Surġent huwa jafu l-Għassa tal-Qawra.

Wara li qieset ix-xhieda u l-provi kollha miġjuba mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, inkluż ir-rapport tal-esperti tax-xena tad-delitt[7] Il-Qorti tqis illi mix-xhieda u mill-provi jirriżulta sodisfaċjentement ippruvat illi: (i) l-imputat, waqt li kien liebes kollu iswed u b’*hoodie* f’rasu, ġie interċettat minn żewġ uffiċjali tal-Pulizija hekk kif qasam it-triq għal fuq il-bankina faċċata tal-fond ġewwa Triq Andrew Cunningham, Qawra, li minnu ġew neqsin il-kaxxi bil-ġojjellerija, (ii) l-istess uffiċjali tal-Pulizija sabu fuq il-persuna tal-imputat dak il-ħin, *torch* u kif ukoll l-istess kaxxi bil-ġojjellerija li Gerlie Galea sussegwentement għarfet bħala l-kaxxi u l-ġojjellerija tagħha li kienu ġewwa l-kxaxen fil-kamra tas-sodda fil-fond fuq imsemmi, fejn kienet tirrisjedi sa ftit taż-żmien qabel, (iii) kif jirriżulta mir-rapport forensiku, il-bieb tal-gallarija tal-istess fond, li dak iz-zmien ma kien hemm ħadd jirrisjedi fih, kien miftuħ u nstabu fuqu sinjali ta’ sgass, (iv) fuq il-bankina fejn ġie arrestat l-istess imputat instab ingwanta mneżżgħa u l-oħra pariġġ fl-għalqa faċċata tal-fond imsemmi.

---

[6] 8 ta’ Jannar 2020.

[7] Xhieda ta’ WPS 293 Michelle Camilleri u PC1331 Darren Debattista – rapport Dok. RM1, fol. 92 *et seq*.

Minn dan kollu l-Qorti fehmet illi meta l-imputat ġie interċettat fit-triq faċċata tar-residenza minn fejn insterqu l-kaxxi tal-ġojjellerija, din is-serqa kienet għadha kif twettqet. Dan qed jingħad għaliex l-uffiċjali tal-Pulizija li marru fuq il-post xehdu li huma marru għaliex dak il-ħin kien ġie rapportat anonimament li kien hemm raġel liebes kollu iswed li kien qed iħuf madwar l-imsemmija residenza u l-imputat innifsu xehed illi huwa sab ir-res furtiva, ċioe' l-kaxxi u l-borża kontenenti kaxxi oħrajn, fit-triq u ġabarhom dak il-ħin stess. Jirriżulta wkoll illi effettivament, dak li rriskontraw l-imsemmija uffiċjali tal-Pulizija, jaqbel sew mal-informazzjoni li kienu ngħataw qabel marru fuq il-post għaliex kif waslu, huma sabu lill-imputat, liebes kollu iswed, li kien għadu kif qasam it-triq faċċata tar-residenza in kwistjoni. Dan magħdud il-fatt illi ma jirriżultax mix-xhieda tal-istess uffiċjali tal-Pulizija li kienu qed jinvestigaw dan ir-rapport, li huma ltaqgħu ma' raġel ieħor liebes bl-iswed ħiereġ mill-fond in kwistjoni jew għaddej fl-akkwati f'dak l-istess ħin ta' bil-lejl, u imkien mill-provi ma jirriżulta li xi ħadd ra jew kien hemm persuna oħra li d-deskrizzjoni tagħha kienet taqbel ma' dik li kellhom f'idejhom l-imsemmija uffiċjali tal-Pulizija.

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi ma temminx il-verżjoni tal-imputat. Fil-ġabra tal-provi kollha li għandha quddiemha, ma tqisx li huwa verosimili li huwa inzerta kien għaddej minn quddiem il-fond in kwistjoni u ġabar il-kaxxi li huwa sab fit-triq, proprju dak il-ħin stess li l-Pulizija rċevew rapport dwar persuna suspettuża li kienet qed iddur madwar il-fond u daħlet ukoll ġewwa l-istess fond. Kaxxi li jirriżulta li kienu ġew neqsin mill-istess fond. Jiġi osservat ukoll illi meta ġie interċettat mill-Pulizija, l-imputat instab li kien qed iġorr fuq il-persuna, oltre għar-res furtiva, *torch*, meta huwa stess xehed li huwa kien ħareġ mir-residenza tiegħu sempliċement biex jagħmel żewġ passi.

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti u fil-qies tal-provi kollha akkwiżiti, ma għandha l-ebda riżerva biex tikkonkludi illi s-serqa li twettqet bi sgass ġewwa l-fond Sardinell, Triq Andrew Cunningham, Qawra, ma ġiet kommessa minn ħadd ħlief mill-imputat li, min-naħa tiegħu ma rnexxilux jikkonvinċi, lanqas sal-grad tal-probabbli, li l-verżjoni tiegħu għandha xi bażi fil-verita'. F'kull każ, kieku l-verżjoni tal-imputat huwa

minnu, ma seta' kien hemm xejn x'iżommu milli jagħti din il-verżjoni ta' fatti lill-uffiċjali tal-Pulizija waqt li kien arrestat għalkemm, dan premess, bl-ebda mod m'hu qed jiġi insinwat jew implikat li għandu jsir xi inferenza minn dan in-nuqqas[8].

Il-Qorti żżid tosserva illi jirriżulta ppruvat mix-xhieda illi s-serqa twettqet bil-lejl u li l-imputat kiseb aċċess għall-fond derubat billi sgassa l-bieb tal-gallarija t'isfel. Billi mix-xhieda jirriżulta wkoll li l-imputat daħal f'dan il-fond mhux mill-bieb ta' barra iżda mill-bieb tal-gallarija fuq wara, u ċioe' minn band'oħra barra milli mill-bibien li ordinarjament jintużaw għal dħul fil-fond, il-Qorti hija sodisfatta li d-dħul sar anke bi skalata skont kif imfisser fl-Artikolu 266 tal-Kap. 9.

Madanakollu, ma tressqitx prova sodisfaċjenti dwar il-valur tal-oġġetti misruqa. Huwa minnu illi fost ir-res furtiva kien hemm ukoll xi oġġetti tad-deheb, iżda Gerlie Galea xehdet illi dawn kienu ngħatawlha bħala rigal u ma kellha l-ebda ħjiel tal-valur tagħhom. F'kull każ, dawn l-oġġetti tal-ġojjellerija ma kienitx għadha tilbishom u effettivament hija ħalliethom warajha meta telqet mill-fond, liema fond jirriżulta mix-xhieda li kien inbiegħ u kien ser jiġi demolit.

Għaldaqstant, billi m'hemmx prova li l-ħaġa misruqa tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), il-kwalifika tal-valur a tenur tal-Artikolu 267 tal-Kap. 9 m'hijex ippruvata.

Kwantu għall-kwalfika tal-lok, huwa indiskuss li s-serq sar f'dar ta' abitazzjoni: huwa immaterjali jekk f'dak il-waqt ma kien hemm ħadd jirrisjedi f'dak il-fond għaliex hu evidenti li l-lok hu mgħammar bħala dar ta' abitazzjoni[9] u kienet effettivament isservi bħala r-residenza ta' Simon Grech u martu sa ftit xhur qabel. Fi kwalsiasi każ, peress li l-liġi fl-Artikolu 269 ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn dar ta' abitazzjoni li hija

---

[8] Bl-introduzzjoni tal-Att LI tal-2016 iddaħħlet disposizzjoni fl-Artikolu 355AUA(7) tal-Kodici Kriminali li tipprekludi li ssir xi inferenza min-nuqqas tal-persuna suspettata jew akkużata milli ssemmi fatti li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala provi ta' ħtija jew li jammontaw għall-korroborazzjoni ta' kwalunkwe prova ta' ħtija tal-persuna suspettata jew akkużata.

[9] Ara rapport Dok. RM1 u ritratti tal-intern tal-fond in kwistjoni.

okkupata jew attwalment isservi bħala residenza u dik li m'hijiex, il-Qorti mhijiex u ma tistax tagħmel hija stess dik id-distinzjoni.

Kwantu għat-tieni imputazzjoni, il-Qorti tqis li ma tressqux provi sodisfaċjenti li jikkonvinċu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi l-imputat wettaq xi ħsara jew ħassar oġġetti u ħwejjeġ għad-dannu ta' Simon Galea. Ma jirriżulta bl-ebda mod mill-provi li saret xi ħsara lill-oġġetti li nsterqu u filwaqt li huwa minnu li s-serq sar bl-isgass tal-bieb tat-terrazzin, ma jirriżultax sodisfaċjentement illi in effetti dan il-bieb ġarrab il-ħsara għaliex l-ebda provi ma tressqu fir-rigward. F'kull każ, Simon Galea fix-xhieda tiegħu ma għamel l-ebda aċċenn għal xi ħsara riskontrata fil-fond jew f'xi oġġetti jew mobbli li jinsabu fl-istess fond. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat għat-tieni imputazzjoni.

**<u>It-Tielet Imputazzjoni</u>**

**Raymond Vella**[10] xehed illi huwa kien għamel rapport f'Marzu 2019 għaliex il-katnazz li kellu fuq il-bieb ta' wieħed mill-appartamenti tiegħu ġewwa Block K li jinsab fi Triq it-Tamar, Qawra, kien imkisser. Huwa ra l-filmati tal-*camera* li jinsab ġewwa l-komun tal-blokk u għaddihom lill-Pulizija. Qal illi peress li l-bieb tal-blokk ikun imsakkar, l-uniku mod kif il-persuna li kisser il-katnazz seta' daħal fil-blokk tal-appartament kien jew billi jaqbez min-naħa ta' wara li hi sit tal-kostruzzjoni jew minn bieb tal-injam u katnazz.

**PS 419 Antoine Buttigieg** ikkonferma[11] illi kien hu li ħa r-rapport li sar fid-29 ta' Marzu 2019 ġewwa l-Għassa tal-Qawra minn Raymond Vella li rrapportalu illi kien sab il-katnazz li jsakkar il-bieb tal-appartament tiegħu imkisser, iżda ma kien insteraq xejn għaliex l-appartament kien għadu qed jinbena u ma kienx hemm affarijiet ġo fih x'jinsterqu. Xehed illi Raymond Vella għaddielu wkoll USB kontenenti filmati ta'

---

[10] Fol. 50 -54.

[11] Xhieda tad-29 ta' Mejju 2019.

CCTV camera[12] u meta huwa ra dawn il-filmati, ra persuna, li huwa għaraf bħala Patrick Cassar l-imputat odjern, ġewwa l-blokka tal-appartamenti u fil-garaxxijiet, liebes flokk aħmar b'ġakketta ħamra b'xi numri fuqha u qalziet iswed bi strixxi bojod. Qal li f'ħin minnhom, ra lil din il-persuna b'xi ħaġa f'idejha, bħal ħadida, u rah wkoll jgħatti wiċċu b'idejh hekk kif induna li kien hemm CCTV camera. Ix-xhud ikkonferma illi huwa għaraf lill-imputat bħala l-persuna li tidher fil-filmati għaliex kien iltaqa' miegħu f'okkażjonijiet oħra.

**L-imputat Patrick Cassar**, meta xehed quddiem il-Qorti[13] b'referenza għat-tielet imputazzjoni dwar attentat ta' serq li sar fis-26 ta' Marzu 2019, stqarr illi jista' jkun li huwa kien daħal f'binja ġewwa San Pawl il-Baħar filgħaxija li kien għadu taħt kostruzzjoni biex ifittex għan-numru ta' xi kuntrattur peress dak iż-żmien ma kienx qiegħed jaħdem u kien qed ifittex xogħol fil-qasam tal-kostruzzjoni. Qal iżda, li l-bieb kien miftuħ u kien hemm grada li kienet miftuħa wkoll.

Meta xehed in kontro-eżami, l-imputat ammetta li huwa l-persuna li tidher fir-ritratti esebiti fl-atti[14] iżda ma setax jiftakar x'kien l-oġġett li jidher li kien qed iġorr f'idejh dak il-ħin. Għalkemm stqarr ukoll li huwa jidher jgħatti wiċċu b'idejh fir-ritratti, qal li ma kien hemm l-ebda raġuni partikolari l-għala huwa għamel dan.

Ikkunsidrat;

In tema tal-ammissibbilita' u l-valur probatorju ta' immaġini fuq *video footage* elevat minn CCTV *cameras* jew apparat elettroniku jew diġitali ieħor, il-Blackstone jgħid hekk:-

*"... a purely mechanical generation of an image, say, by CCTV is not hearsay. This follows the common law, whereby juries may be allowed to see still photographs taken by a security camera during an armed robbery ( Dodson [1984] 1 WLR 971), or a*

[12] Esebit fl-atti: Dok. AB12.
[13] 8 ta' Jannar 2020.
[14] Dok. AB1 sa AB10.

*video recording of an incident ( Fowden [1982] Crim LR 588; Grimer [1982] Crim LR 674), and they may hear a tape recording of a relevant conversation (Maqsud Ali [1966] 1 QB 688). Furthermore, just as a video recording of the commission of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position as a witness with a 'direct view of the action' (Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1479).*" [15]

Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-imputat ma qajjem ebda eċċezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-filmati li PS 417 Antoine Buttigieg xehed li huwa rċieva mingħand Raymond Vella, is-sid tal-appartament li sab il-katnazz tal-bieb imkisser. Mhux hekk biss, iżda huwa jafferma li l-persuna li tidher fir-ritratti ossia *stills* meħudin mill-istess filmati u esebita fl-atti proċesswali, hija proprju huwa nnifsu.

Issa minn eżami tal-filmat u r-ritratti relattivi, il-Qorti tqis li huwa pjuttost evidenti li l-imputat għamel diversi minuti jitlajja barra l-blokk ta' appartamenti fid-dlam u mbagħad jidħol fil-komun tal-blokk fejn innota li kien hemm CCTV *camera* fuq il-ħajt jew fis-saqaf fuqu. F'dak l-istadju huwa jidher itella' l-*hood* fuq rasu, jitla' t-taraġ tal-komun u jerġa' jinżel wara ftit minuti. Imbagħad ħareġ mill-bieb. Wara ftit minuti, l-imputat jidher reġa' dieħel mill-bieb b'oġġett li jixbaħ ħafna biċċa jew kanna tal-ħadid.

Huwa għalhekk stabbilit illi l-persuna li tidher fil-filmati m'huwa ħadd ħlief l-imputat, li effettivament ammetta li huwa daħal fil-blokk ta' appartamenti in kwistjoni bil-lejl. Huwa stabbilit ukoll mix-xhieda ta' Raymond Vella illi huwa kiseb il-filmati in kwistjoni u għaddihom lill-Pulizija għaliex kien għadu kif sab il-katnazz tal-bieb tal-appartament tiegħu mkisser minn xi ħadd li daħal mingħajr permess fil-blokk ta' appartamenti. Minn dan, partikolarment mill-fatt illi jirriżulta b'mod evidenti mill-filmati li l-imputat l-ewwel issorvelja l-blokk appartamenti minn barra, u mbagħad, wara li tela' t-taraġ tal-komun u ħareġ, irritorna wara ftit minuti b'oġġett f'idu. Hawnhekk, ħa ħsieb jassigura li jgħatti wiċċu u rasu biex ma jintgħarafx. F'dan kollu

[15] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. F15.16, pp. 2614.

il-Qorti ma tista' tirravviża l-ebda intenzjoni tajba da parti tal-imputat li bla dubju, aġixxa b'mod ferm suspettuż f'dan l-episodju. Episodju li minn dak li jirriżulta li ġie xehed Raymond Vella, seħħ il-lejl qabel huwa sab il-katnazz imkisser u jirriżulta li huwa sab il-katnazz imkisser nhar it-Tnejn filgħodu. Huwa xehed li kien ra l-filmat nhar it-Tnejn stess u mir-rapport li huwa għamel lill-Pulizija u li xehed dwaru PS 419 Antoine Buttigieg, jirrizulta li l-filmati li ġew mgħoddija lill-Pulizija kienu tal-lejl ta' qabel intab il-katnazz imkisser.

Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li m'huwiex dubju li mhux dettat mir-raġuni, illi kien l-imputat li kisser il-katnazz tal-bieb tal-appartament ta' Raymond Vella meta daħal fil-blokk appartamenti fiċ-ċirkostanzi fuq dettalljati. Mill-provi li għandha quddiemha ma hemm xejn x'jiddiswadiha mill-konvinċiment tagħha li kien xi ħaddieħor u mhux l-imputat, li kisser il-katnazz tal-bieb fl-istess blokka ta' appartamenti fil-lejl qabel effettivament il-katnazz instab imkisser. *Multo magis* meta skont kif xehed Raymond Vella, is-sid tal-blokk appartamenti, illi l-bieb tal-komun tal-blokk huwa msakkar u l-uniku aċċess ieħor huwa minn wara fejn hemm sit tal-kostruzzjoni li l-aċċess għalih jingħalaq b'grada[16]. Ma jirriżultax mill-provi illi kien hemm xi ħaddieħor li daħal mingħajr permess fil-blokk appartamenti in kwistjoni fil-lejl qabel instab l-isgass fil-bieb tal-appartament: ipotesi li f'kull każ il-Qorti tikkunsidra li hija waħda mhux biss remota iżda wkoll esaġerata.

Dan stabbilit, għandu jingħad ukoll għall-kompletezza illi l-verżjoni tal-imputat – li huwa daħal fil-blokk ta' appartamenti bil-lejl biex ifittex għan-numru ta' xi kuntrattur - hija assurda kif ukoll nieqsa minn kull kredibbilita' u ma tagħmel xejn ħlief tkompli tagħti sostenn lill-provi tal-Prosekuzzjoni li kien ħadd ħliefu li pprova jwettaq serqa minn ġol-appartament ta' Raymond Vella billi kisser il-katnazz li bih kien imsakkar il-bieb. Evidentement l-imputat ma ddejjaq xejn jivvinta din l-iskuża banali waqt li kien qed jixhed bil-ġurament quddiem il-Qorti: ħaġa li hija deplorevoli u kundannabbli għaliex turi tistmerrija assoluta għas-serjeta' tal-ġurament.

[16] Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi l-imputat innifsu stqarr illi huwa kien daħal fil-blokk minn grada li kienet miftuħa u għalhekk ma kienx daħal b'mod regolari fil-blokk.

In konklużjoni, għandu jingħad illi effettivament, skont kif jirriżulta mix-xhieda tal-istess Raymond Vella, ma ġie kommess l-ebda serq għaliex ma kien hemm xejn x'jinsteraq minn ġol-appartament, li kien għadu mhux lest.

Għaldaqstant, billi jirriżulta[17] illi l-katnazz li ġie sgassat kien qed jagħlaq il-bieb tal-appartament[18] - u għalhekk isegwi illi dan tkisser biex jinkiseb aċċess għall-istess appartament - iżda ma nsteraq xejn minn ġol-istess appartament, il-Qorti hi tal-fehma konvinta illi l-imputat għandu jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni ta' attentat ta' serq aggravat bil-mezz u bil-ħin.

Ikkunsidrat;

Illi kwantu għar-raba' akkuża, fejn l-imputat ġie mixli li huwa kkommetta r-reati li qed jinstab ħati tagħhom waqt il-perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation mogħti bis-saħħa ta' sentenza tas-26 ta' Marzu 2018, il-Qorti hi tal-fehma li din l-imputazzjoni kif imfassla fiċ-Ċitazzjoni, ma ġietx ippruvata. Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni ipproduċiet fl-atti kopja awtentikata ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Patrick Cassar**, iżda din is-sentenza ma fihiex il-konnotati tal-ħati li ġie kkundannat b'dik l-istess sentenza. Il-Prosekuzzjoni naqset ukoll milli tressaq prova oħra dwar l-identita' tal-persuna li ġiet ikkundannata fl-isemmija sentenza u effettivament, l-Uffiċjal Prosekutur f'dawk il-proċeduri deċiżi bis-sentenza tas-26 ta' Marzu 2019, ma xehedx quddiem il-Qorti biex jikkonferma illi effettivament, il-ħati fl-imsemmija proċeduri huwa l-istess persuna, Patrick Cassar, imputat fil-proċeduri odjerni.

Iżda lil hinn minn dan, ma jirriżultax illi permezz tas-sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni in sostenn ta' din l-imputazzjoni, il-ħati kien ġie mqiegħed taħt Ordni ta' Probation: jirriżulta minflok li l-Qorti liberat lill-ħati bil-kundizzjoni li ma

[17] Xhieda ta' Raymond Vella.
[18] Ara dak li ġie rapportat minn Raymond Vella – xhieda ta' PS 419 Antoine Buttigieg tat-28 ta' Mejju 2019.

jikkomettix reat ieħor fi żmien tliet (3) snin u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446. Huwa minnu illi fl-imputazzjoni kif dedotta fiċ-Ċitazzjoni, jissemma espressament l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 iżda għall-Qorti dan m'huwiex biżżejjed għall-fini ta' sejbien ta' ħtija għall-imputazzjoni kif imfassla. Wara kollox kif inhuwa risaput, l-indikazzjoni tal-Artikolu tal-liġi fl-akkuża ma torbotx lill-Qorti: dak li huwa importanti għall-fini tas-sejbien ta' ħtija għar-reat jew nuqqas addebitat hu li l-imputazzjoni kif dedotta fiċ-Ċitazzjoni tkun imfassla b'riproduzzjoni ta' dispozizzjoni tal-liġi li joħloq reat kriminali u dan irrispettivament mill-Artikolu tal-liġi effettivament indikat fiċ-Ċitazzjoni. Issa kif rajna, is-sentenza li sabet ħtija f'Patrick Cassar fis-26 ta' Marzu 2018, ma qegħditux taħt Ordni ta' Probation iżda taħt ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata u l-Prosekuzzjoni baqgħet ma talbet l-ebda korrezzjoni fl-akkuża biex din tiġi tirrispekkja korrettement ir-riżultanzi tal-provi.

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati tar-raba' imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Lanqas tista' l-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-addebitu tar-reċidiva. L-unika sentenza li ġiet prodotta bħala prova tar-reċidiva hija s-sentenza tas-26 ta' Marzu 2018 li filwaqt li sabet lil Patrick Cassar – li kif rajna ma ġiex ippruvat li huwa l-istess persuna tal-imputat odjern – ħati tar-reat ta' serq u tar-reat ta' ħsara volontarja, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin. Jingħad illi għall-fini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9, persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor. Fil-każ in dizamina, f'każ li għal mument kellu jiġi aċċettat li saret prova tal-identita' tal-persuna tal-ħati fis-sentenza tas-26 ta' Marzu 2018, il-ħati ma ġiex ikkundannat għaliex kif ingħad, huwa ġie liberat kondizzjonalment. Il-liberazzjoni kondizzjonata m'hijiex kundanna: effettivament, din tiġi applikata **minflok** tingħata piena proprju għaliex il-Qorti tkun qieset li ma jkunx spedjenti li twaħħal ebda piena. Kemm hu hekk, jinsab ritenut illi fejn il-ħati ingħata sanzjoni kontemplata fl-Att dwar il-Probation (Kap. 446):-

*"... kif din il-Qorti dejjem irriteniet, persuna ma tistax titqies recidiva fir-rigward tal-mezzi ta' trattament kontemplati fil-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ara, per ezempju, f'dar-rigward l-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Stephen Zahra deciz fit-30 ta' April 2008 u l-Appell Kriminali Il-Pulizija v. George Desira deciz fid-9 ta' Jannar 2013."*[19]

Fil-każ in diżamina, għajr għas-sentenza tas-26 ta' Marzu 2018 u l-fedina penali tal-imputat, il-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi oħrajn u fil-fehma tal-Qorti, hija naqset milli tipproduċi in atti prova suffiċjenti ta' dan l-addebitu. Kif ġie diversi drabi ritenut mill-Qrati tagħna in materja tal-addebitu tar-reċidiva, il-fedina penali waħedha mhux biżżejjed u ma tikkostitwixxix l-aħjar prova li l-Prosekuzzjoni hi, wara kollox, marbuta li tressaq in sostenn tal-akkuża tar-reċidiva. L-aħjar prova tikkonsisti f'kopji debitament awtentikati ta' sentenzi li fuqhom tinsab imsejsa dan l-addebitu iżda fil-każ in diżamina, hija nieqsa l-prova li qatt kien hemm xi ġudizzju preċedenti li effettivament ikkundanna lill-imputat għall-kommissjoni ta' reat kriminali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati li huwa reċidiv la taħt l-Artikolu 49 u lanqas taħt l-Artikolu 50 u l-Artikolu 289 tal-Kap. 9.

[19] **Il-Pulizija vs Lydon Cutajar** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6.2.2013

Ikkunsidrat ;

Għall-fini tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom il-fedina penali pjuttost refrattarja tal-imputat li minkejja li nghata opportunitajiet varji biex jirriforma ruhu, anke billi nghata sanzjonijiet komunitarji taht il-provvedimenti tal-Kap. 446, huwa evidentement naqas milli jagħraf kif ghandu jimxi fit-triq it-tajba u jzomm 'il boghod mid-delinkwenza. Fl-istess waqt iżda, il-Qorti ħadet qies tar-rakkomandazzjonijiet tal-Probation Officer Matthew Fleri Soler li fir-rapport u fix-xhieda tiegħu, sostna illi l-imputat, għalkemm għandu vizzju tad-droga kokaina, irreġistra progress sostanzjali reċentement u huwa motivat li jirrijabilita ruħu u jkollu ħajja ferm iktar stabbli speċjalment għaliex għandu l-interessi ta' ibnu għal qalbu. Għandu bżonn ukoll jindirizza l-problema ta' rabja li għandu liema problema jidher li hi assoċjata mal-vizzju tad-droga.

Il-Qorti in vista ta' dan, m'hijiex sejra ttellef lill-imputat **mill-opportunita' tal-aħħar** biex jagħraf il-ħtieġa li jirristruttura ħatju u jikseb dik l-istabbilita' li jirriżulta li jixtieq li jkollu u li qiegħed effettivament ifittex. Stabbilita' li tista' wkoll possibbilment tipprovdi is-soluzzjoni għall-problema tar-rabja manifestata mill-imputat kif ukoll is-soluzzjoni għad-diffikoltajiet riskontrati fejn għandu x'jaqsam ibnu u s-sitwazzjoni attwali tal-ambjent familjari tiegħu.

Minn dan kollu il-Qorti hi sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-imputat, is-sorveljanza tieghu minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tal-istess imputat kif ukoll li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra. Ghalhekk tqis li jkun adatt li l-ħati jitpoġġa taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 ghaz-zmien kollu li taghti l-ligi.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u ma ssibux ħati lanqas tal-addebitu tar-reċidiva, wara li rat l-**

**Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 261(b)(e)(f), 263, 264, 266, 269(g), 270 u 278(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil PATRICK CASSAR ħati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet iżda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tpoġġi lill-hati taht Ordni ta' *Probation* għal żmien tlett (3) snin mil-lum u dan taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation mogħtija kontestwalment u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali, u semgħet ukoll lill-ħati jesprimi r-rieda tiegħu li jikkonforma ruħu mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta' *Probation*.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza kif ukoll l-Ordni ta' Probation mahrug fil-konfront tal-hati, jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation.**

**Billi ma jirriżultax li gew mahtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tiċħad it-talba maghmula mill-Prosekuzzjoni taht l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**DR RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**